SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

11 ta' Settembru 2008 *

Fil-Kawża C-279/06,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Audiencia Provincial de Madrid (Spanja), permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Ġunju 2006, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Ġunju 2006, fil-proċedura

CEPSA Estaciones de Servicio SA

vs

LV Tobar e Hijos SL,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Rosas, President tal-Awla, U. Lõhmus (Relatur), J. Klučka, A. Ó Caoimh u P. Lindh, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-7 ta' Ġunju 2007,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal CEPSA Estaciones de Servicio SA, minn A. Martínez Sánchez, J. Folguera Crespo u F. Lorente Hurtado, abogados,

— għal LV Tobar e Hijos SL, minn A. Hernández Pardo, M. Gaitán Luján u S. Beltrán Ruiz, abogados,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn K. Mojzesowicz kif ukoll minn E. Gippini Fournier u F. Castillo de la Torre, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikoli 10 sa 13 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1984/83, tat-22 ta' Ġunju 1983, dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu [81](3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim ta' xiri esklużiv (ĠU L 173, p. 5, u rettifika, ĠU L 79, p. 38), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1582/97, tat-30 ta' Lulju 1997 (ĠU L 214, p. 27, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1984/83").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn CEPSA Estaciones de Servicio SA (iktar 'il quddiem "CEPSA"), rikorrenti fil-kawża prinċipali, u LV Tobar e Hijos SL (iktar 'il quddiem "Tobar"), konvenuta fil-kawża prinċipali, rigward in-nuqqas ta' eżekuzzjoni minn din tal-aħħar tal-kuntratt ta' xiri esklużiv konkluż bejn iż-żewġ kumpanniji.

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 Ir-Regolament Nru 1984/83 jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat KEE (li sar l-Artikolu 81(1) KE) ċerti kategoriji ta' ftehim ta' xiri esklużiv u ta' prattiki miftiehma li normalment jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 85(3), għar-raġuni li dawn iwasslu, b'mod ġenerali, għal titjib fid-distribuzzjoni tal-prodotti.

4 Il-premessi ħamsa, sitta, tlettax, ħmistax u sbatax tal-imsemmi regolament jipprovdu kif ġej:

"(5) peress li l-ftehim ta' xiri esklużiv speċifikati f'dan ir-regolament iwasslu, b'mod ġenerali, għal titjib fid-distribuzzjoni; peress li huma jippermettu lill-fornitur li jippjanifika l-bejgħ tal-prodotti tiegħu b'mod iktar preċiż u iktar bil-quddiem u jiżgura lill-bejjiegħ mill-ġdid provvista regolari matul it-tul tal-ftehim; peress li l-impriżi kkonċernati għandhom b'dan il-mod il-possibbiltà li jillimitaw ir-riskji ta' tibdil fis-suq u li jnaqqsu l-ispejjeż ta' distribuzzjoni tagħhom;

(6) peress li tali ftehim jiffaċilitaw il-promozzjoni tal-bejgħ ta' prodott u jippermettu azzjoni iktar intensiva fis-suq, minħabba li bħala regola ġenerali l-fornitur jintrabat, bħala korrispettiv għall-impenn mill-bejjiegħ mill-ġdid għal esklużività ta' xiri, li jikkontribwixxi fit-titjib tal-istruttura tan-netwerk ta' distribuzzjoni, tal-kwalità tas-servizz tal-bejgħ jew tas-suċċess ta' dan; peress li huma jiffavorixxu wkoll il-kompetizzjoni bejn il-prodotti ta' diversi produtturi; peress li l-ħatra ta' diversi bejjiegħa mill-ġdid, li għandhom l-obbligu li jixtru esklużivament mingħand il-fornitur u li jassumu l-ispejjeż tal-promozzjoni tal-bejgħ, tas-servizz lill-klijenti u tal-ħażna, jistgħu ta' spiss jikkostitwixxu għall-produttur il-mezz l-iktar effettiv, jekk mhux l-uniku mezz sabiex jidħol fis-suq u jikkompeti ma' produtturi oħrajn; […]

[…]

(13) peress li [l-ftehim ta' provvista ta' birra u l-kuntratti ta' stazzjonijiet tal-petrol] huma ġeneralment ikkaratterizzati mill-fatt li, minn naħa, il-fornitur jagħti lill-bejjiegħ mill-ġdid vantaġġi ekonomiċi u finanzjarji partikolarment importanti, billi jħallsu somom ta' flus mhux rimborsabbli, billi jagħtih jew jiksiblu l-għoti ta' self b'kundizzjonijiet vantaġġużi, billi jagħtih art jew bini għall-operat tal-ħanut tax-xorb jew tal-istazzjon tal-petrol, billi jipprovdilu stallazzjonijiet tekniċi jew tagħmir ieħor jew billi jagħmel investimenti oħra

favur il-bejjiegħ mill-ġdid u, min-naħa l-oħra, li l-bejjiegħ mill-ġdid jintrabat kuntrattwalment fil-konfront tal-fornitur b'obbligu ta' xiri esklużiv għal żmien twil, ġeneralment bi projbizzjoni ta' kompetizzjoni;

[…]

(15) peress li l-vantaġġi ekonomiċi u finanzjarji li l-fornitur jagħti lill-bejjiegħ mill-ġdid jiffaċilitaw b'mod kunsiderevoli l-istallazzjoni jew l-immodernizzar ta' ħwienet tax-xorb jew ta' stazzjonijiet tal-petrol, kif ukoll il-manutenzjoni u l-ġestjoni tagħhom; […];

[…]

(17) peress li […] obbligu ta' xiri esklużiv għal-lubrifikanti u prodotti petroliferi relatati magħhom huwa permess biss meta l-fornitur ikun qiegħed għad-dispożizzjoni tal-bejjiegħ mill-ġdid stallazzjonijiet tekniċi speċifiċi għal-lubrifikazzjoni jew meta jkun iffinanzjahom; […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

5 Id-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ftehim konklużi mal-operaturi ta' stazzjonijiet tal-petrol (iktar 'il quddiem "il-ftehim ta' stazzjonijiet tal-petrol") kienu previsti fl-Artikoli 10 sa 13 tar-Regolament Nru 1984/83.

6 Skont l-Artikolu 10 ta' dan l-istess regolament:

"Skont l-Artikolu 85(3) tat-Trattat u skont il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 11 u 13 ta' dan ir-regolament, l-Artikolu 85(1) tal-imsemmi Trattat huwa inapplikabbli għall-ftehim li fihom jipparteċipaw żewġ impriżi biss u li fihom parti, il-bejjiegħ mill-ġdid, tintrabat mal-parti l-oħra, il-fornitur, bħala korrispettiv għall-għoti ta' vantaġġi ekonomiċi jew finanzjarji partikolari, li tixtri mingħandha biss, minn impriża assoċjata magħha jew minn impriża terza li tkun inkarigata minnha għad-distribuzzjoni tal-prodotti tagħha, bil-għan li jsir bejgħ mill-ġdid fi stazzjon tal-petrol stabbilita fil-ftehim, ċerti karburanti għal vetturi b'mutur li jaħdmu bi prodotti petroliferi jew ċerti karburanti għal vetturi b'mutur u kombustibbli bbażati fuq prodotti petroliferi speċifikati fil-ftehim." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7 L-Artikolu 11 tal-imsemmi regolament kien jipprovdi:

"Minbarra l-obbligu msemmi fl-Artikolu 10, l-ebda restrizzjoni oħra fuq il-kompetizzjoni ma għandha tiġi imposta fuq il-bejjiegħ mill-ġdid ħlief

a) l-obbligu li ma jbigħx mill-ġdid fl-istazzjon tal-petrol indikata fil-ftehim karburanti għal vetturi b'mutur jew kombustibbli pprovduti minn impriżi terzi;

b) l-obbligu li fl-istazzjon tal-petrol indikata fil-ftehim, ma jintużawx lubrifikanti jew prodotti petroliferi konnessi offerti minn impriżi terzi, fejn il-fornitur jew impriża assoċjata miegħu jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni tal-bejjiegħ mill-ġdid, jew ikunu ffinanzjaw, tagħmir ta' bdil ta' żjut jew stallazzjonijiet oħra ta' lubrifikazzjoni ta' vetturi li jaħdmu b'mutur;

ċ) l-obbligu li ma jsirx reklamar għall-prodotti kkunsinnati minn impriżi terzi, ġewwa jew barra mill-istazzjon tal-petrol, ħlief fil-proporzjon mal-parti li dawn il-prodotti jirrappreżentaw mid-dħul mill-bejgħ totali tal-istazzjon tal-petrol;

d) l-obbligu li s-sorveljanza tiġi fdata biss lill-fornitur, jew lil impriża magħżula minnu, tal-istallazzjonijiet ta' depożitu jew ta' distribuzzjoni ta' prodotti petroliferi li huma proprjetà tiegħu, jew li ġew iffinanzjati mill-fornitur jew minn impriża assoċjata miegħu." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

8 L-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 1984/83 jelenka l-klawżoli u l-impenji kuntrattwali li kienu jostakolaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament; fosthom kien jinsab il-fatt li l-ftehim jiġi konkluż għal tul indefinit jew għal iktar minn għaxar snin.

9 L-Artikolu 13 ta' dan l-istess regolament kien jipprovdi għall-applikazzjoni b'mod analogu tal-Artikoli 2(1) u (3), 3(a) u (b), 4 kif ukoll 5 għall-ftehim ta' stazzjonijiet tal-petrol.

10 Ir-Regolament Nru 1984/83 skada fil-31 ta' Diċembru 1999. Fl-1 ta' Jannar 2000, daħal fis-seħħ ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2790/1999, tat-22 ta' Diċembru 1999, dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat [KE] għal kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiċi miftiehma (ĠU L 336, p. 21).

11 L-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2790/1999 jipprovdi:

"Bla ħsara għal paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-eżenzjoni li hemm provdut għaliha fl-Artkolu 2 għandha tapplika fuq il-kondizzjoni li s-sehem tas-suq miżmum mill-fornitur ma jkunx aktar minn 30 % tas-suq relevanti li fih ibiegħ l-oġġetti jew servizzi tal-kuntratt."

12 L-Artikolu 4 tal-istess regolament jipprovdi li l-eżenzjoni mill-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 81(1) KE "m'għandhiex tapplika għall-ftehim vertikali li, direttament jew indirettament, waħedhom jew flimkien ma' fatturi oħra taħt il-kontroll tal-partijiet, għandhom bħala oġġett:

a) ir-restrizzjoni tal-kapaċità tax-xerrej li jiddetermina l-prezz tal-bejgħ tiegħu, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-fornitur jimponi prezz massimu tal-bejgħ jew jirrakkomanda prezz tal-bejgħ, sakemm ma jammontawx għal prezz fiss jew minimu bħala riżultat ta' pressjoni minn, jew inċentivi offruti minn, kull parti:

[…]"

13 Skont l-Artikolu 5(a) tal-imsemmi regolament, l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 2 tiegħu ma tapplikax għal kull obbligu dirett jew indirett li wieħed ma jikkompetix, li t-tul tiegħu huwa indefinit jew li jaqbeż il-ħames snin. Obbligu ta' non-kompetizzjoni li jista' jiġġedded taċitament għal perijodu ta' iktar minn ħames snin għandu jitqies bħala wieħed li ġie konkluż għal tul indefinit.

14 Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 2790/1999, l-eżenzjoni prevista b'mod partikolari mir-Regolament Nru 1984/83 tkompli tapplika sal-31 ta' Mejju 2000. Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 81(1) KE ma tapplikax, matul il-perijodu bejn l-1 ta' Ġunju 2000 u l-31 ta' Diċembru 2001, għall-ftehim diġà fis-seħħ fil-31 ta' Mejju 2000 li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni previsti mir-Regolament Nru 2790/1999, iżda li jissodisfaw dawk previsti mir-Regolament Nru 1984/83.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15 Fis-7 ta' Frar 1996, il-partijiet fil-kawża prinċipali kkonkludew "kuntratt li jagħti d-dritt ta' użu tal-marka u tal-immaġni, ta' assistenza teknika u kummerċjali, u ta' provvista taħt is-sistema ta' operatur/aġent tal-kummerċ ta' stazzjon tal-petrol" (iktar 'il quddiem il-"kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali").

16 Bis-saħħa tal-imsemmi kuntratt, Tobar intrabtet li tixtri karburanti u kombustibbli esklużivament mingħand CEPSA, kif ukoll lubrifikanti u prodotti oħrajn relatati (iktar 'il quddiem il-"prodotti petroliferi"), għall-finijiet tal-bejgħ tagħhom fl-istazzjon tal-petrol bi prezz tal-bejgħ lill-pubbliku fiss u skont il-kundizzjonijiet u t-tekniki ta' bejgħ u ta' operat stabbiliti mill-imsemmi fornitur. Il-kuntratt ġie konkluż għal tul ta' 10 snin, li jista' jiġġedded għal perijodi suċċessivi ta' ħames snin, b'kunsens espliċitu u bil-miktub b'notifika minn qabel ta' mill-inqas sitt xhur. L-obbligu ta' xiri esklużiv huwa akkumpanjat bi klawżola ta' non-kompetizzjoni li tipprojbixxi lil Tobar milli twettaq operazzjonijiet ta' bejgħ jew ta' promozzjoni tal-prodotti kompetituri jew li tipparteċipa f'tali operazzjonijiet, kemm fil-limiti tal-istazzjon tal-petrol tagħha kif ukoll fl-inħawi madwarha

17 Tobar għandha tħallas il-prezz tal-prodotti petroliferi fi żmien disat ijiem mid-data tal-kunsinna tagħhom fl-istazzjon tal-petrol, kif ukoll li tagħmel u tippreżenta, fid-data tal-ewwel kunsinna, garanzija bankarja għal ammont totali ekwivalenti għal 15-il jum ta' kunsinna. Fin-nuqqas ta' ħlas fi żmienu, CEPSA tista' tinforza l-garanzija. F'dan il-każ, Tobar tkun imġiegħla tħallas għall-provvisti bil-quddiem. Bħala remunerazzjoni Tobar tirċievi l-kummissjonijiet tas-suq fis-seħħ għal kull stazzjon tal-petrol. Il-ħlas lil CEPSA, li jiġi kkalkolat abbażi tan-numru ta' litri kkunsinnati lill-istazzjon tal-petrol, isir billi jitnaqqas mill-prezz tal-bejgħ lill-pubbliku ffissat minn CEPSA, inkluża t-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem, il-"VAT"), l-ammont tal-kummissjoni tal-operatur tal-istazzjon tal-petrol, inkluża din it-taxxa.

18 Fir-rigward tal-klawżoli dwar it-tqassim tal-ispejjeż u r-riskji, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li Tobar għandha l-obbligu li tassumi r-riskji marbuta mal-prodotti petroliferi sa minn meta jiġu kkunsinnati mill-fornitur fit-tankijiet ta' riżerva, inkluż

ir-riskju ta' diskrepanzi fil-volum, u li żżommhom fil-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi evitat kull telf jew deterjorament tagħhom. L-imsemmija kumpannija hija responsabbli, kemm fil-konfront tal-fornitur kif ukoll fil-konfront ta' terzi, għal kull telf, kontaminazzjoni jew taħlit ieħor li jista' jagħmel ħsara lill-kwalità ta' dawn il-prodotti, kif ukoll għal kull ħsara li tista' tiġi kkawżata mill-istess prodotti. Barra minn hekk, Tobar tiggarantixxi u hija responsabbli għall-klijenti li jkunu abbonaw bl-intervent tagħha għall-użu tal-karta ta' kreditu CEPSA CARD jew għal dawk li ġew mogħtija kreditu direttament minnha. Tobar tipparteċipa wkoll fl-iffinanzjar ta' parti żgħira mill-ispejjeż relatati mal-użu tal-karta ta' lealtà ta' CEPSA

19 Din tal-aħħar, min-naħa tagħha, tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tat-trasport tal-prodotti petroliferi u għall-ispejjeż tal-istallazzjoni u tal-manutenzjoni fl-istazzjon tal-petrol marbuta mal-immaġni tal-marka tagħha. Hija tittrasferixxi lil Tobar it-tankijiet u l-pompi tal-petrol li din tal-aħħar għandha tuża esklużivament għall-bejgħ tal-prodotti kkunsinnati minn CEPSA u troddhom lura lil din tal-aħħar mat-tmiem tal-kuntratt. Madankollu, Tobar għandha tipprovdi "garanzija fuq l-ewwel talba" favur CEPSA għall-ammont tal-valur tal-istallazzjonijiet tekniċi.

20 Fit-2 ta' Novembru 2001, CEPSA bagħtet ittra lil Tobar li permezz tagħha hija kienet tawtorizzaha, minn dak il-jum'il quddiem, sabiex tnaqqas il-prezz tal-bejgħ tal-prodotti petroliferi mingħajr madankollu ma tnaqqas id-dħul ta' CEPSA.

21 Matul l-2003, wara li bagħtet diversi ittri lil CEPSA, Tobar waqfet tikseb il-provvisti tagħha mingħand CEPSA u ħbiet l-logo ta' din tal-aħħar fl-istallazzjonijiet tal-istazzjon tal-petrol.

22 Matul l-2004, Tobar ressqet rikors kontra CEPSA intiż għall-annullament tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali billi sostniet li dan kien inkompatibbli mal-Artikolu 81 KE, u li l-għan tiegħu kien illeċitu inkwantu d-determinazzjoni tal-prezz tal-bejgħ tal-prodotti petroliferi hija fid-diskrezzjoni esklużiva ta' CEPSA. Tobar talbet ukoll l-għoti ta' kumpens.

23 CEPSA kkontestat il-fondatezza ta' dan ir-rikors u ressqet kontro-talba sabiex il-kuntratt jiġi eżegwit jew mitmum jekk l-eżekuzzjoni tiegħu tirriżulta li hija impossibbli, u talbet, fiż-żewġ każijiet, li tingħata kumpens għad-dannu li hija sofriet.

24 Fid-29 ta' Lulju 2005, il-Juzgado de Primera Instancia nº 3 de Madrid annullat l-imsemmi kuntratt minħabba li ma kienx kompatibbli mal-Artikolu 81(1) KE, u lanqas mar-Regolamenti Nru 1984/83 u Nru 2790/1999. CEPSA appellat minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju.

25 F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Audiencia Provincial de Madrid iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) a) L-Artikolu 81(1) KE għandu jiġi interpretat fis-sens li kuntratt ta' provvista esklużiva li jagħti d-dritt li tintuża l-marka tal-fornitur, konkluż fl-1996 bejn impriża ta' distribuzzjoni ta' prodotti petroliferi u l-impriża li topera stazzjon tal-petrol, li permezz tiegħu huwa previst li jinbiegħu fuq bażi esklużiva l-karburanti u l-kombustibbli tal-fornitur għal tul definit u li ma jinbiegħux prodotti pprovduti minn distributuri oħra, jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, inkwantu l-obbligu hawn fuq imsemmi jimplika ftehim ta' non-kompetizzjoni, minkejja li l-istess kuntratt, minħabba l-impatt ekonomiku tiegħu, jista' jitqies bħala kuntratt ta' rappreżentanza?

b) Jekk il-kuntratt fil-fatt jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, jista' jibbenefika mill-eżenzjoni mill-projbizzjoni jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fir-Regolament Nru 1984/83, b'mod partikolari dawk relatati mat-tul?

ċ) Jekk dan ikun il-każ, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 10 u 12 tar-regolament iċċitat iktar 'il fuq, li jippermettu li klawżola ta' non-kompetizzjoni tiġi konkluża għal tul ta' iktar minn ħames snin, bħala korrispettiv għal

vantaġġi ekonomiċi u finanzjarji, jeżiġu li dawn il-vantaġġi ekonomiċi jew finanzjarji jkunu kunsiderevoli jew huwa biżżejjed li ma jkunux insinjifikattivi? Dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jiġu interpretati fis-sens li tali vantaġġi huma meqjusa li ngħataw fil-każ ta' kuntratti ta' provvista li jagħtu d-dritt li tintuża l-marka, li fihom il-fornitur jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' stallazzjoni u ta' manutenzjoni relatati mal-immaġni tal-marka tiegħu fl-istazzjon tal-petrol jew jittrasferixxi t-tankijiet u l-pompi tal-petrol, li l-operatur tal-istazzjon tal-petrol mhuwiex awtorizzat juża, mingħajr awtorizzazzjoni bil-miktub tal-fornitur, għall-bejgħ ta' prodotti oħra minbarra dawk ikkunsinnati mill-istess fornitur u li huwa obbligat iroddhom lura lil dan tal-aħħar mat-tmiem tal-użu awtorizzat tagħhom, u li l-valur tagħhom huwa kopert bil-garanzija fuq l-ewwel talba mogħtija mill-operatur tal-istazzjon tal-petrol favur il-fornitur?

d) Jekk l-eżenzjoni hawn fuq imsemmija mhijiex applikabbli, in-nullità *ipso jure* stabbilita fl-Artikolu 81(2) KE taffettwa l-kuntratt fl-intier tiegħu?

2) a) L-Artikolu 81(1) KE għandu jiġi interpretat fis-sens li kuntratt ta' provvista u li jagħti d-dritt ta' użu ta' marka, bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża, sa fejn jipprovdi li l-impriża proprjetarja tal-istazzjon tal-petrol hija obbligata tbiegħ, fuq bażi esklużiva, il-karburanti u l-kombustibbli kkunsinnati mill-fornitur bi prezzijiet tal-bejgħ lill-pubbliku ffissati minn dan tal-aħħar, fil-prinċipju, jaqa' taħt il-projbizzjoni ta' kull restrizzjoni għall-kompetizzjoni minħabba li l-prezz tal-bejgħ huwa ffissat fil-kuntratt, fid-dawl tal-impatt ekonomiku tiegħu u, b'mod partikolari, tal-fatt li l-operatur tal-istazzjon tal-petrol jassumi r-riskji u jikkontribwixxi għall-ispejjeż, marbuta mal-provvista tal-prodotti li huma s-suġġett tal-kuntratt u mar-riklamar tal-bejgħ tagħhom, waqt li jitqiesu l-punti segwenti:

i) L-operatur tal-istazzjon tal-petrol jintrabat li jbiegħ, fuq bażi esklużiva, il-lubrifikanti, u prodotti oħra relatati intiżi għall-magni tal-vetturi awtomobilistiċi, kif ukoll il-karburanti u l-kombustibbli kkunsinnati mill-fornitur, bil-prezz tal-bejgħ lill-pubbliku u l-kundizzjonijiet u tekniki ta' bejgħ u tal-operat stabbiliti minn dan tal-aħħar, għal perijodu ta' għaxar

snin, li jista' jiġġedded għal perijodi suċċessivi ta' ħames snin, b'kunsens espliċitu u bil-miktub b'notifika minn qabel ta' mill-inqas sitt xhur.

ii) L-operatur tal-istazzjon tal-petrol jassumi r-riskji marbuta mal-karburanti u l-kombustibbli sa minn meta jiġu kkunsinnati mill-fornitur fit-tankijiet ta' riżerva, inkluż ir-riskju ta' diskrepanzi fil-volum. Millmument li huwa jirċievi l-prodotti, l-istess operatur huwa obbligat li jżommhom fil-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi evitat kull telf jew deterjorament tagħhom u huwa responsabbli, jekk ikun il-każ, kemm fil-konfront tal-fornitur kif ukoll fil-konfront ta' terzi, għal kull telf, kontaminazzjoni jew taħlit ieħor li jista' jagħmel ħsara lil dawn il-prodotti, kif ukoll għal kull ħsara li tista' tiġi kkawżata mill-istess prodotti.

iii) L-operatur tal-istazzjon tal-petrol huwa obbligat li jħallas lill-fornitur il-prezz tal-karburanti u tal-kombustibbli fi żmien disat ijiem li jiddekorru mid-data tal-kunsinna tagħhom fl-istazzjon tal-petrol, u huwa obbligat ukoll li jagħmel u jippreżenta garanzija bankarja fid-data tal-ewwel kunsinna, għall-ammont totali ta' din il-kunsinna, ekwivalenti għal ħmistax-il jum. Fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas, minbarra l-fatt li l-fornitur jista' jeżegwixxi l-garanzija mogħtija mill-operatur tal-istazzjon tal-petrol, dan tal-aħħar huwa obbligat li jħallas il-prezz bilquddiem għall-provvista tal-prodotti lill-istazzjon tal-petrol. L-operatur tal-istazzjon tal-petrol jeffettwa l-ħlas billi jnaqqas mill-prezz tal-bejgħ lill-pubbliku ffissat mill-kumpannija distributriċi, inkluża l-VAT, l-ammont tal-'kummissjoni' li għaliha huwa intitolat, inkluża l-VAT relatata mal-imsemmi ammont. Il-karburant ikkunsinnat normalment jinbiegħ fi żmien ferm iqsar mit-terminu ta' disat ijiem meħtieġ għall-ħlas mir-rikorrenti lill-konvenut. Kull xahar, il-kumpannija ta' distribuzzjoni tiddebita jew tikkredita, skont il-każ, lill-operatur tal-istazzjon tal-petrol skont il-varjazzjonijiet — ogħla jew orħos — tal-prezzijiet iffissati għall-karburanti kkunsinnati. L-ispejjeż tat-trasport tal-prodotti jitħallsu mill-fornitur.

iv) L-operatur tal-istazzjon tal-petrol jiggarantixxi u huwa responsabbli għall-klijenti li jkunu abbonaw bl-intervent tiegħu għall-użu tal-karta ta'

kreditu maħluqa u amministrata mill-grupp ta' kumpanniji li huwa parti minnu l-fornitur, jirċievi d-dħul mill-bejgħ li jsir permezz tal-imsemmija karta ta' kreditu fi żmien xahar wara li jkun sar dan il-bejgħ, jiffinanzja parti żgħira mill-ispejjeż relatati mal-użu tal-karta ta' lealtà tal-kumpannija ta' distribuzzjoni ta' prodotti petroliferi u jassumi r-riskju għad-djun mhux imħallsa mill-klijenti li jkun tahom direttament kreditu.

v) Il-kumpannija li tforni l-prodotti petroliferi tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' stallazzjoni u ta' manutenzjoni fl-istazzjon tal-petrol, marbuta mal-immaġni tal-marka tagħha u, fl-istess ħin, hija tittrasferixxi lill-operatur tal-istazzjon tal-petrol it-tankijiet u l-pompi tal-petrol li hija ma tistax tuża, mingħajr il-kunsens bil-miktub mill-fornitur, għall-bejgħ ta' prodotti oħra minbarra dawk ikkunsinnati minn dan tal-aħħar, u li l-valur tagħhom huwa stmat preċiżament għall-ammont li għalih l-operatur għamel garanzija bankarja fuq l-ewwel talba favur il-fornitur.

b) Jekk dan ikun il-każ, ir-Regolament [Nru 1984/83] u, b'mod partikolari, l-Artikoli 10 sa 13 tiegħu, għandhom jiġi interpretati fis-sens li kuntratt ta' dan it-tip jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, b'tali mod li l-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 81(1) KE mhijiex applikabbli jekk il-kuntratt jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa minn dawn id-dispożizzjonijiet biex jibbenefika mill-eżenzjoni?

ċ) F'dan il-każ, hemm lok li jiġi interpretat l-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament ladarba l-kuntratt inkwistjoni jimponi iktar minn restrizzjoni waħda fuq il-kompetizzjoni inkwantu, minbarra l-klawżola ta' provvista esklużiva li tistabbilixxi n-nuqqas ta' kompetizzjoni, dispożizzjoni kuntrattwali oħra tipprovdi li l-prezz tal-bejgħ huwa stabbilit mill-fornitur? L-awtorizzazzjoni mogħtija mill-[fornitur] lill-[operatur ta]l-istazzjon tal-petrol li tippermetti lil [dan tal-aħħar] li jnaqqas il-prezz tal-bejgħ mingħajr ma jaffettwa d-dħul [tal-imsemmi fornitur], li seħħet f'Novembru 2001, tippermetti li l-kuntratt jitqies bħala validu?"

Fuq id-domandi preliminari

Osservazzjonijiet preliminari

26 Permezz tat-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju tressaq żewġ domandi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja; kull waħda fosthom hija maqsuma f'diversi partijiet, li jkopru każijiet differenti skont il-klassifikazzjoni tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali. L-ewwel domanda hija mressqa fil-każ li dan il-kuntratt jiġi deskritt bħala kuntratt ta' rappreżentanza, filwaqt li t-tieni domanda tirrigwarda l-każ fejn l-imsemmi kuntratt jiġi konkluż bejn żewġ impriżi awtonomi.

27 Id-domanda tal-qorti tar-rinviju tirrigwarda, essenzjalment, l-applikabbiltà tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 81(1) KE u, eventwalment, tal-eżenzjoni skont il-kategorija stabbilita permezz tar-Regolament Nru 1984/83 fir-rigward tal-fatti fil-kawża prinċipali. Madankollu, permezz tad-domandi 1(a) u 2(a) tagħha, l-imsemmija qorti ma titlobx mill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tal-kunċett ta' ftehim bejn impriżi fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni sabiex tkun tista' tevalwa konsegwentement jekk il-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, iżda hija tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħmel hija stess din l-evalwazzjoni.

28 Għandu jiġi mfakkar li, skont l-Artikolu 234 KE, ibbażat fuq separazzjoni totali tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar għandha l-ġurisdizzjoni biss li tiddeċiedi fuq l-interpretazzjoni jew il-validità ta' test Komunitarju, billi tibbaża ruħha fuq il-fatti li jkunu indikati lilha mill-qorti nazzjonali u li, min-naħa l-oħra, hija din tal-aħħar li għandha tapplika r-regoli tad-dritt Komunitarju għal każ konkret. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja m'għandhiex il-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi dwar il-fatti tal-kawża prinċipali, jew li tapplika r-regoli Komunitarji li hija tkun interpretat għal miżuri jew għal sitwazzjoni nazzjonali, peress li dan jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qorti nazzjonali (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2000, Fornasar *et*, C-318/98, Ġabra p. I-4785, punt 32, u tas-16 ta' Ottubru 2003, Traunfellner, C-421/01, Ġabra p. I-11941, punt 21).

29 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li t-talba għal interpretazzjoni mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja hija bbażata fuq allegazzjonijiet tal-partijiet fil-kawża prinċipali li l-fondatezza tagħhom għadha ma ġietx ivverfikata mill-qorti nazzjonali. Bl-istess mod, fl-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tagħhom, ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-partijiet fil-kawża prinċipali esprimew nuqqas ta' qbil importanti fuq il-fatti tal-kawża li tinsab quddiem il-qorti tar-rinviju.

30 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar ukoll li, fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 234 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tiddeċiedi nuqqas ta' qbil fuq sitwazzjoni ta' fatt. Tali nuqqas ta' qbil, bħal, wara kollox, kull evalwazzjoni tal-fatti tal-kawża, jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali (ara s-sentenzi tal-15 ta' Novembru 1979, Denkavit Futtermittel, 36/79, Ġabra p. 3439, punt 12, kif ukoll tad-9 ta' Ġunju 2005, HLH Warenvertrieb u Orthica, C-211/03, C-299/03 u C-316/03 sa C-318/03, Ġabra p. I-5141, punt 96).

31 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti risposta utli lill-qorti tar-rinviju li tippermettilha li tiddeċiedi l-kawża quddiemha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-11 ta' Ottubru 2007, Freeport, C-98/06, Ġabra p. I-8319, punt 31).

32 Peress li l-klassifikazzjoni tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali fid-dawl tar-regoli tal-kompetizzjoni hija essenzjali għad-deċiżjoni tal-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tfakkar, fl-ewwel lok, il-kriterji rilevanti għal tali klassifikazzjoni [domandi 1(a) u 2(a)]. Fit-tieni lok, għandu jiġi eżaminat jekk l-eżenzjoni skont il-kategorija tistax tiġi applikata għall-imsemmi kuntratt, fid-dawl tal-klawżoli inklużi fih rigward it-tul ta' eżekuzzjoni tiegħu [domanda 1(b) u (ċ), kif ukoll 2(b)] u l-iffissar tal-prezz tal-bejgħ lill-pubbliku [domanda 2(ċ)]. Fit-tielet lok, tqum il-kwistjoni ta' eventwali nullità tal-kuntratt skont l-Artikolu 81(2) KE [domanda 1(d)].

Fuq l-eżistenza ta' ftehim bejn impriżi fis-sens tal-Artikolu 81(1) KE

33 Permezz tad-domandi 1(a) u 2(a) tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 81(1) KE għandux jiġi interpretat fis-sens li huwa japplika għal kuntratt ta' provvista esklużiva ta' prodotti petroliferi li għandu l-karatterisitiċi ta' dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fl-ewwel lok, fil-każ li dan il-kuntratt jitqies bħala wieħed konkluż bejn żewġ impriżi indipendenti, minħabba l-fatt li l-prezz tal-bejgħ tal-imsemmija prodotti lill-pubbliku huwa ffissat mill-fornitur, u, fit-tieni lok, fil-każ li dan l-istess kuntratt jitqies bħala kuntratt ġenwin ta' rappreżentanza, minħabba l-fatt li fih klawżola li tipprovdi għal provvista esklużiva.

34 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li kwistjoni simili diġà kienet tressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2006, Confederación Española de Empresarios de Estaciones de Servicio (C-217/05, Ġabra p. I-11987, iktar 'il quddiem is-"sentenza CEEES"). Din il-kawża, bħal dik li wasslet għal dan ir-rinviju preliminari, kienet tittratta r-relazzjonijiet kuntrattwali bejn operaturi ta' stazzjonijiet tal-petrol u l-fornitur tagħhom, jiġifieri CEPSA. Skont it-termini tad-deċiżjoni tar-rinviju, il-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa identiku għal dawk li kienu s-suġġett tad-domanda preliminari eżaminata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza CEEES.

35 Fil-punt 38 tas-sentenza CEEES, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-ftehim vertikali bħalma kienu l-ftehim bejn CEPSA u l-operaturi ta' stazzjonijiet tal-petrol jaqgħu taħt l-Artikolu 85 tat-Trattat biss meta l-operatur jitqies li huwa operatur ekonomiku indipendenti u meta jeżisti, għaldaqstant, ftehim bejn żewġ impriżi.

36 L-element determinati biex jiġi stabbilit jekk operatur ta' stazzjon tal-petrol huwiex operatur ekonomiku indipendenti jinsab fil-ftehim konkluż mal-prinċipal u, b'mod partikolari, fil-klawżoli, taċiti jew espliċiti, ta' dan il-ftehim rigward l-assunzjoni tar-riskji finanzjarji u kummerċjali marbuta mal-bejgħ tal-merkanzija lil terzi. Il-kwistjoni tar-riskju għandha tiġi analizzata individwalment f'kull każ u għandha ssir fid-dawl tar-realtà ekonomika pjuttost milli fid-dawl tal-klassifikazzjoni ġuridika tar-relazzjoni kuntrattwali fid-dritt nazzjonali (sentenza CEEES, punt 46).

37 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kriterji li jippermettu lill-qorti nazzjonali li tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi fattwali tal-kawża quddiemha, it-tqassim effettiv tar-riskji finanzjarji u kummerċjali bejn l-operaturi ta' stazzjonijiet tal-petrol u l-fornitur ta' karburanti.

38 F'dak li jikkonċerna, fl-ewwel lok, ir-riskji marbuta mal-bejgħ tal-merkanzija, huwa probabbli li l-imsemmi operatur jassumi dawn ir-riskji meta jsir proprjetarju tal-merkanzija, mill-mument li jirċevihom mill-fornitur, meta jassumi, direttament jew indirettament, l-ispejjeż marbuta mad-distribuzzjoni tal-merkanzija, b'mod partikolari l-ispejjeż tat-trasport, meta huwa jżomm ħażniet bi spejjeż tiegħu, meta jassumi r-responsabbiltà għall-ħsarat li jistgħu jsiru lil din il-merkanzija, bħat-telf jew id-deterjorament tagħhom, kif ukoll għad-danni kkawżati mill-merkanzija mibjugħa lil terzi jew meta huwa jassumi r-riskju finanzjarju marbut mal-merkanzija fil-każ li jkun marbut iħallas lill-fornitur l-ammont li jikkorrispondi għall-kwantità tal-karburanti kkunsinnati minflok għall-kwantità effettivament mibjugħa (ara s-sentenza CEEES, punti 51 sa 58).

39 Fit-tieni lok, fir-rigward tar-riskji marbuta mal-investimenti speċifiċi għas-suq, jiġifieri dawk li huma meħtieġa sabiex l-operatur ta' stazzjon tal-petrol ikun jista' jinnegozja jew jikkonkludi kuntratti ma' terzi, għandu jiġi eżaminat jekk dan tal-aħħar iwettaqx investimenti f'bini jew f'tagħmir, bħal tankijiet tal-petrol, jew f'azzjonijiet ta' promozzjoni. Jekk dan huwa l-każ, l-imsemmija riskji jiġu trasferiti fuq l-operatur (sentenza CEEES, punti 51 u 59).

40 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-fatt li l-operatur jassumi biss parti negliġibbli mir-riskji mhuwiex tali li jrendi l-Artikolu 81 KE applikabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza CEEES, punt 61), peress li tali operatur ma jsirx operatur ekonomiku indipendenti waqt il-bejgħ tal-karburanti lil terzi. F'dan il-każ, ir-relazzjonijiet bejn l-operatur u l-fornitur huma identiċi għal dawk li jeżistu bejn rappreżentant u l-prinċipal tiegħu.

41 Mill-punti 62 u 63 tas-sentenza CEEES jirriżulta wkoll li, anki fil-każ ta' kuntratt ta' rappreżentanza, huma biss l-obbligi imposti fuq l-intermedjarju li jikkonċernaw

il-bejgħ ta' merkanzija lil terzi f'isem il-prinċipal, li jinkludu l-iffissar tal-prezz tal-bejgħ lill-pubbliku, li ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-Artikolu 81 KE. Bil-kontra, il-klawżoli ta' eżklużività u ta' non-kompetizzjoni li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet bejn ir-rappreżentant u l-prinċipal inkwantu operaturi ekonomiċi indipendenti huma tali li jiksru r-regoli tal-kompetizzjoni inkwantu huma jagħlqu s-suq ikkonċernat. Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 81(1) KE hija, għaldaqstant, applikabbli għall-klawżoli msemmijin.

42 Fil-każ li l-eżami tar-riskji jwassal għall-istabbiliment tal-eżistenza ta' ftehim bejn impriżi fis-sens tal-Artikolu 81 KE, f'dak li jikkonċerna l-bejgħ ta' merkanzija lil terzi, l-iffissar tal-prezz tal-bejgħ ta' din il-merkanzija lill-pubbliku jikkostitwixxi restrizzjoni tal-kompetizzjoni prevista b'mod espliċitu fl-Artikolu 81(1)(a) KE, li jinkludi dan il-ftehim fl-ambitu tal-projbizzjoni msemmija f'din id-dispożizzjoni sakemm il-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni jkunu sodisfatti, jiġifieri li dan il-ftehim ikollu bħala skop jew effett li jirrestrinġi b'mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni fis-suq intern, u jkun tali li jolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' April 1998, Cabour, C-230/96, Ġabra p. I-2055, punt 48).

43 Barra minn hekk, fir-rigward, b'mod partikolari, ta' ftehim ta' xiri esklużiv, għandha tiġi mfakkra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tistabbilixxi li, jekk dan il-ftehim m'għandux l-iskop li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, fis-sens tal-Artikolu 81 KE, għandu madankollu jiġi eżaminat jekk huma għandhomx l-effett ta' prevenzjoni, ta' restrizzjoni jew ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni. L-evalwazzjoni tal-effetti ta' ftehim ta' xiri esklużiv timplika l-ħtieġa li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest ekonomiku u ġuridiku li fi ħdanu jinsab il-ftehim u jekk jistax iwassal, flimkien ma' fatturi oħra, għal effett kumulattiv fuq il-kompetizzjoni. Għaldaqstant, għandhom jiġu eżaminati l-effetti li jikkawża tali kuntratt, flimkien ma' kuntratti oħra tal-istess tip, fuq il-possibiltajiet għall-kompetituri nazzjonali jew minn Stati Membri oħra li jistabbilixxu ruħhom fis-suq rilevanti jew li jkabbru s-sehem tagħhom fis-suq (ara s-sentenzi tat-28 ta' Frar 1991, Delimitis, C-234/89, Ġabra p. I-935, punti 13 sa 15, u tas-7 ta' Diċembru 2000, Neste, C-214/99, Ġabra p. I-11121, punt 25).

44 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domandi 1(a) u 2(a) għandha tkun li kuntratt ta' provvista esklużiva ta' prodotti petroliferi jista' jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81(1) KE meta l-operatur tal-istazzjon tal-petrol

jassumi, fi proporzjon mhux negliġibbli, riskju jew riskji finanzjarji u kummerċjali marbutin mal-bejgħ ta' dawn il-prodotti lil terzi u meta huwa jinkludi klawżoli li jistgħu jiksru r-regoli tal-kompetizzjoni, bħalma hija dik rigward l-iffissar tal-prezz tal-bejgħ lill-pubbliku. Fil-każ li l-operatur tal-istazzjon tal-petrol ma jassumix tali riskji jew jassumi biss parti negliġibbli minnhom, jaqgħu biss taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni l-obbligi imposti fuq l-operatur fil-kuntest tas-servizzi ta' intermedjarju offruti minnu lill-prinċipal, bħalma huma l-klawżoli ta' esklużività u ta' non-kompetizzjoni. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, barra minn hekk, jekk il-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandux bħala effett il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 81 KE.

Fuq it-tul massimu tal-ftehim previst mir-Regolament Nru 1984/83

45 Permezz tad-domanda 1(b) u (ċ) tagħha, kif ukoll tad-domanda 2(b) tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk ftehim ta' provvista esklużiva, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fil-każ li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81 KE, jistax jibbenefika minn eżenzjoni skont il-kategorija bħal dik prevista mir-Regolament Nru 1984/83, bil-kundizzjoni li jiġu osservati l-kundizzjonijiet stabbiliti minnu u, b'mod partikolari, dik tat-tul massimu tal-ftehim kif ukoll dik tal-għoti ta' vantaġġi ekonomiċi u finanzjarji.

46 L-imsemmija qorti tistaqsi, b'mod partikolari, jekk, minn naħa, sabiex tiġi osservata l-kundizzjoni ta' tul massimu, l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1984/83 għandux jiġi interpretat fis-sens li huwa jeżiġi, għall-applikazzjoni tal-eżenzjoni għall-ftehim ta' stazzjonijiet tal-petrol, li l-vantaġġi mogħtija lill-operatur ta' stazzjon tal-petrol mill-fornitur ikunu kunsiderevoli jew jekk huwiex biżżejjed li dawn ma jkunux insinjifikattivi u, min-naħa l-oħra, jekk il-vantaġġi mogħtija permezz tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali humiex suffiċjenti f'dan ir-rigward.

47 Għandu jiġi mfakkar, b'mod preliminari, li r-Regolament Nru 1984/83 kien jipprovdi għall-applikazzjoni tal-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' ftehim ta' xiri esklużiv konklużi bejn żewġ impriżi bil-għan ta' bejgħ mill-ġdid ta' prodotti li jistgħu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 85(1) tat-Trattat.

48 Kif huwa ppreċiżat fil-punt 41 ta' din is-sentenza, fil-każ ta' relazzjoni ġenwina ta' rappreżentanza, jistgħu jaqgħu taħt l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81 KE biss il-klawżoli ta' esklużività u ta' non-kompetizzjoni li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet bejn ir-rappreżentant u l-prinċipal inkwantu operaturi ekonomiċi indipendenti. Bil-kontra, l-obbligi li jikkonċernaw il-bejgħ tal-merkanzija lil terzi f'isem il-prinċipal, minkejja li jistgħu, għall-inqas fil-każ ta' x'uħud minnhom, jiksru r-regoli tal-kompetizzjoni jekk huma kienu konklużi bejn żewġ impriżi indipendenti, m'għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt l-eżami tal-applikabbiltà tal-imsemmi regolament. Fil-każ ta' kuntratt ta' distribuzzjoni bejn żewġ impriżi indipendenti, għandu jiġi eżaminat il-kuntratt kollu sabiex tittieħed deċiżjoni dwar l-applikabbiltà tal-eżenzjoni skont il-kategorija.

49 L-Artikolu 12(1)(ċ) tar-Regolament Nru 1984/83 kien jipprovdi li, b'deroga mit-tul massimu ta' ħames snin, applikabbli, b'mod ġenerali, għal ftehim ta' xiri esklużiv ta' tul qasir jew medju bħalma huma l-ftehim fl-oqsma kollha tal-ekonomija, it-tul massimu applikabbli għall-ftehim ta' stazzjonijiet tal-petrol kien ta' għaxar snin. Rigward il-kundizzjonijiet partikolari applikabbli għal dawn il-ftehim tal-aħħar, l-Artikolu 10 tal-istess regolament kien jipprovdi li l-bejjiegħ mill-ġdid kien jintrabat fil-konfront tal-fornitur sabiex jixtri mingħandu biss; tali obbligu ta' xiri esklużiv huwa konkluż "bħala korrispettiv għall-għoti ta' vantaġġi ekonomiċi jew finanzjarji partikolari".

50 Għandu jiġi kkonstatat li l-verżjoni Spanjola ta' dan l-Artikolu 10 ma kinitx tippreċiża n-natura tal-imsemmija vantaġġi ekonomiċi jew finanzjarji, b'mod differenti mill-verżjonijiet lingwistiċi l-oħrajn kollha, li kienu jużaw il-kelma "partikolari" jew "speċjali" sabiex jiddeskrivu dawn il-vantaġġi. Skont ġurisprudenza stabbilita, id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' test Komunitarju għandhom jiġu interpretati b'mod uniformi u, fil-każ ta' differenzi bejn dawn il-verżjonijiet, id-dispożizzjoni rilevanti għandha tiġi interpretata skont l-istruttura ġenerali u l-għan tal-leġiżlazzjoni li hija parti minnha (ara s-sentenzi tal-1 ta' April 2004, Borgmann, C-1/02, Ġabra p. I-3219, punt 25; tas-16 ta' Settembru 2004, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-227/01,

Ġabra p. I-8253, punt 45, u tas-16 ta' Marzu 2006, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-332/04, punt 52).

51 Rigward l-istruttura u l-għan tal-leġiżlazzjoni Komunitarja inkwistjoni, millpremessa tlettax tar-Regolament Nru 1984/83 kien jirriżulta li l-ftehim ta' stazzjonijiet tal-petrol huma ġeneralment ikkaratterizzati mill-fatt li l-fornitur jagħti lillbejjiegħ mill-ġdid vantaġġi ekonomiċi u finanzjarji partikolarment importanti, billi jħallsu somom ta' flus mhux rimborsabbli, billi jagħtih jew jiksiblu l-għoti ta' self b'kundizzjonijiet vantaġġużi, billi jagħtih art jew bini għall-operat tal-istazzjon talpetrol, billi jipprovdilu stallazzjonijiet tekniċi jew tagħmir ieħor jew billi jagħmel investimenti oħra favur il-bejjiegħ mill-ġdid.

52 Barra minn hekk, il-premessa ħmistax tal-istess regolament kienet tippreċiża li l-vantaġġi ekonomiċi u finanzjarji li l-fornitur jagħti lill-bejjiegħ mill-ġdid jiffaċilitaw b'mod kunsiderevoli l-istallazzjoni jew l-immodernizzar ta' stazzjonijiet tal-petrol, kif ukoll il-manutenzjoni u l-ġestjoni tagħhom. Il-premessa sbatax kienet tindika, bħala eżempju, li obbligu ta' xiri esklużiv għal-lubrifikanti u għall-prodotti petroliferi relatati magħhom huwa permess biss meta l-fornitur ikun qiegħed għad-dispożizzjoni tal-bejjiegħ mill-ġdid stallazzjonijiet tekniċi speċifiċi għal-lubrifikazzjoni jew meta jkun iffinanzjahom.

53 L-għan tal-eżenzjoni mill-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 81(1) KE jirriżulta wkoll mit-tielet inċiż tal-Artikolu 81(3) KE, li jipprovdi li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu 81(1) KE mhumiex applikabbli għall-ftehim "li jikkontribwixxu biex itejbu l-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' prodotti, jew biex jippromwovu progress tekniku jew ekonomiku waqt li fl-istess ħin, jassiguraw li l-konsumaturi jkollhom sehem ġust mill-benefiċċji li joħorġu minnhom". Il-premessi ħamsa u sitta tar-Regolament Nru 1984/83 kienu jippreċiżaw, barra minn hekk, fir-rigward b'mod partikolari tal-ftehim ta' xiri esklużiv, li tali ftehim inaqqsu l-ispejjeż ta' distribuzzjoni, jillimitaw ir-riskji ta' tibdil fis-suq, jiffaċilitaw il-promozzjoni tal-bejgħ ta' prodott, itejbu l-istruttura tan-netwerk ta' distribuzzjoni u l-kwalità tas-servizz tal-bejgħ u jikkostitwixxu l-mezz l-iktar effettiv, jekk mhux l-uniku mezz sabiex operatur ikun jista' jidħol fis-suq.

54 Minn dan jirriżulta li l-kunċett ta' "vantaġġi ekonomiċi u finanzjarji partikolari" imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1984/83 għandu jiġi interpretat fissens li dawn il-vantaġġi huma ċertament speċifiċi għar-relazzjoni kuntrattwali, iżda li huma għandhom ukoll ikunu importanti sabiex jiġġustifikaw esklużività ta' provvista ta' tul ta' għaxar snin. Dawn il-vantaġġi għandhom ikunu tali li jtejbu d-distribuzzjoni, jiffaċilitaw l-istallazzjoni jew l-immodernizzar tal-istazzjon tal-petrol u jnaqqsu l-ispejjeż ta' distribuzzjoni.

55 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-vantaġġi ekonomiċi jew finanzjarji, bħal dawk mogħtija lil Tobar fil-kawża prinċipali, humiex tali li jiġġustifikaw it-tul tal-esklużività ta' provvista ta' għaxar snin, għandha tiġi mfakkra l-ġurisprudenza msemmija fil-punt 30 ta' din is-sentenza li tipprovdi li kull evalwazzjoni tal-fatti taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali. Għaldaqstant hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa l-importanza tal-investimenti magħmula minn CEPSA billi tieħu inkunsiderazzjoni l-indikazzjonijiet li jinsabu fil-punti 51 sa 54 ta' din is-sentenza.

56 Madankollu għandu jiġi ppreċiżat li mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* tar-Regolament Nru 1984/83 ma jkoprix kompletament il-perijodu ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għaliex dan ġie konkluż fis-7 ta' Frar 1996 għal tul ta' għaxar snin u kien biss matul is-sena 2003 li Tobar waqfet teżegwixxi l-obbligi kuntrattwali tagħha. L-imsemmi regolament skada fil-31 ta' Diċembru 1999, iżda l-eżenzjoni prevista minnu kompliet tapplika sal-31 ta' Mejju 2000 bis-saħħa tar-Regolament Nru 2790/1999 li pprovda, barra minn hekk, għal perijodu tranżitorju sal-31 ta' Diċembru 2001, li matulu l-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 81(1) KE ma kinitx tapplika għall-ftehim fis-seħħ fil-31 ta' Mejju 2000 li ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni previsti minn dan ir-regolament tal-aħħar, iżda li kienu jissodisfaw dawk previsti mir-Regolament Nru 1984/83. Għaldaqstant, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, għandhom jiġu eżaminati wkoll il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni applikabbli taħt ir-Regolament Nru 2790/1999.

57 Dan ir-regolament tal-aħħar, applikabbli għal kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiki miftiehma, ma jinkludix dispożizzjonijiet partikolari rigward ftehim ta' stazzjonijiet tal-petrol. Skont l-Artikolu 3(1) tiegħu, l-eżenzjoni prevista mill-imsemmi regolament għandha tapplika bil-kundizzjoni li s-sehem tas-suq miżmum mill-fornitur ma jkunx ta' iktar minn 30 % tas-suq relevanti li fih ibiegħ l-oġġetti jew

servizzi tal-kuntratt. B'mod differenti mir-Regolament Nru 1984/83, ir-Regolament Nru 2790/1999 jipprovdi, fl-Artikolu 5(a) tiegħu, li l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 2 tiegħu ma tapplika għal ebda wieħed mill-obbligi diretti jew indiretti ta' non-kompetizzjoni, "li [t-tul] tiegħu huwa indefinit jew huwa ta' aktar minn ħames snin" u li "obbligu li wieħed ma jikkompetix li jista' jiġġedded taċitament għal perjodu ta' aktar minn ħames snin għandu jinftiehem li kien konklużż għal dewmien indefinit".

58 Fil-każ li l-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li t-tul tal-ftehim ta' provvista esklużiva jissodisfa l-kundizzjoni rigward it-tul massimu prevista fl-Artikolu 12(1)(ċ) tar-Regolament Nru 1984/83, hija għandha tivverifika wkoll jekk dan il-ftehim jissodisfax barra minn hekk it-tul massimu ammess skont ir-Regolament Nru 2790/1999, jiġifieri ħames snin.

59 F'dan ir-rigward, għandu jkun magħruf jekk il-ftehim ta' esklużività kienx jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni previsti mir-Regolament Nru 2790/1999 mill-1 ta' Ġunju 2000, data li fiha dan tal-aħħar sar applikabbli. Fil-każ li r-risposta tkun fin-negattiv, perijodu tranżitorju sal-31 ta' Diċembru 2001 ikun applikabbli għall-imsemmi ftehim biss jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni previsti mir-Regolament Nru 1984/83.

60 Mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2790/1999 jirriżulta li l-eżenzjoni prevista minn dan ir-regolament hija applikabbli mill-1 ta' Ġunju 2000 għall-ftehim li t-tul tagħhom ma jaqbiżx ħames snin. Madankollu, l-Artikolu 12(2) tal-istess regolament jipprovdi għal perijodu tranżitorju sal-31 ta' Diċembru 2001 li japplika għall-ftehim fis-seħħ tal-31 ta' Mejju 2000 li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni previsti minn dan ir-regolament, iżda li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni previsti mir-Regolament Nru 1984/83. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, f'dan il-każ, skont jekk il-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienx jissodisfa jew le l-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni tar-Regolament Nru 1984/83, id-data li minnha l-klawżola ta' esklużività għandha tiġi eżaminata fid-dawl tar-Regolament Nru 2790/1999.

61 Barra minn hekk, hija l-imsemmija qorti li għandha tevalwa jekk il-klawżola tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali li tipprovdi għall-proroga ta' dan b'perijodi

suċċessivi ta' ħames snin, b'kunsens espliċitu u bil-miktub b'notifika minn qabel ta' mill-inqas sitt xhur, ma tistax, fid-dawl tal-Artikolu 5(a) tar-Regolament Nru 2790/1999, titqies bħala waħda li tipprovdi li dan il-kuntratt ġie konkluż għal tul indefinit, bil-konsegwenza li jkun eskluż mill-benefiċċju tal-eżenzjoni skont il-kategorija.

62 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domanda 1(b) u (ċ) u għad-domanda 2(b) għandha tkun li kuntratt ta' provvista esklużiva, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jista' jibbenefika minn eżenzjoni skont il-kategorija prevista mir-Regolament Nru 1984/83 jekk huwa josserva t-tul massimu ta' għaxar snin, imsemmi fl-Artikolu 12(1)(ċ) tal-istess regolament u jekk il-fornitur jagħti lill-operatur tal-istazzjon tal-petrol, bħala korrispettiv għall-esklużività, vantaġġi ekonomiċi importanti li jikkontribwixxu għal titjib fid-distribuzzjoni, jiffaċilitaw l-istallazzjoni jew l-immodernizzar tal-istazzjon tal-petrol u jnaqqsu l-ispejjeż ta' distribuzzjoni. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex sodisfatti fil-kawża prinċipali.

Fuq l-iffissar tal-prezz tal-bejgħ lill-pubbliku

63 Permezz tad-domanda 2(ċ) tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 10 sa 13 tar-Regolament Nru 1984/83 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li huma jeskludu l-applikazzjoni tal-eżenzjoni skont il-kategorija għal kuntratt ta' provvista esklużiva minħabba l-fatt li dan tal-aħħar jipprovdi għall-iffissar tal-prezz tal-bejgħ lill-pubbliku mill-fornitur. Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv, hija tistaqsi jekk l-awtorizzazzjoni għat-tnaqqis ta' dan il-prezz tal-bejgħ mingħajr ma jiġi affettwat id-dħul tal-fornitur trendix l-eżenzjoni applikabbli mill-ġdid.

64 B'mod preliminari, għandu jiġi mfakkar, kif ingħad fil-punt 42 ta' din is-sentenza, li, fil-każ ta' relazzjoni kuntrattwali bejn żewġ impriżi, l-applikazzjoni tal-eżenzjoni skont il-kategorija hija eskluża jekk, minbarra klawżola ta' esklużività ta' provvista,

il-kuntratt konkluż bejniethom jinkludi klawżola li tipprovdi għall-iffissar tal-prezz tal-bejgħ lill-pubbliku mill-fornitur.

65 Fil-fatt, l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1984/83 kien jelenka, b'mod eżawrjenti, l-obbligi li, minbarra l-klawżola ta' esklużività, setgħu jiġu imposti fuq il-bejjiegħ mill-ġdid; huma ma kinux jinkludu l-iffissar tal-prezz tal-bejgħ lill-pubbliku. Skont il-premessa tmienja tal-istess regolament, "dispożizzjonijiet oħrajn li jirrestringu l-kompetizzjoni, u b'mod partikolari dawk li jillimitaw il-libertà tal-bejjiegħ mill-ġdid li jistabbilixxi l-prezzijiet tiegħu […] ma jistgħux ikunu eżenti taħt dan ir-regolament" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Għaldaqstant, l-iffissar minn CEPSA tal-prezz tal-bejgħ tal-prodotti petroliferi lill-pubbliku jikkostitwixxi restrizzjoni tal-kompetizzjoni li mhijiex koperta mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 10 tal-imsemmi regolament (ara s-sentenza CEEES, punt 64).

66 Madankollu, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, fit-2 ta' Novembru 2001, CEPSA bagħtet ittra lil Tobar li tippermetti lil din tal-aħħar li tnaqqas il-prezzijiet tal-bejgħ mingħajr ma taffettwa d-dħul tal-fornitur. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tagħha, CEPSA ssostni li tali awtorizzazzjoni kienet teżisti mill-konklużjoni tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali u li Tobar kienet effettivament użata saħansitra qabel ma ntbagħtet din l-ittra. Tobar tikkontesta bis-saħħa din l-allegazzjoni u tenfasizza li huwa impossibbli li jiġi mibdul validament dan il-kuntratt permezz ta' att unilaterali.

67 F'tali sitwazzjoni, fid-dawl tat-tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa l-metodi tal-iffissar tal-prezz tal-bejgħ lill-pubbliku fil-kawża prinċipali, kif ukoll l-eżistenza, fid-dritt nazzjonali, ta' possibbiltà ta' tibdil unilaterali tal-klawżola li tirregola l-iffissar tal-imsemmi prezz.

68 Fil-każ li l-qorti tar-rinviju tikkonkludi li tali tibdil unilaterali huwa possibbli taħt id-dritt nazzjonali, għandhom imbagħad jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni fis-seħħ fid-data tal-awtorizzazzjoni mogħtija minn CEPSA.

69 Fil-fatt, fix-xahar ta' Novembru 2001, huwa r-Regolament Nru 2790/1999 li kien applikabbli għall-ftehim li ma kinux jibbenefikaw mill-perijodu tranżitorju previst fl-Artikolu 12(2) tar-Regolament Nru 2790/1999 minħabba l-fatt li huma ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni previsti mir-Regolament Nru 1984/83. Skont l-Artikolu 4(a) ta' dan ir-regolament tal-aħħar, l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 2 ta' dan l-istess regolament ma kinitx tapplika għall-ftehim vertikali li jkollhom bħala għan ir-"ir-restrizzjoni tal-kapaċità tax-xerrej li jiddetermina l-prezz tal-bejgħ tiegħu, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-fornitur jimponi prezz massimu tal-bejgħ jew jirrakomanda prezz tal-bejgħ, sakemm ma jammontawx għal prezz fiss jew minimu bħala riżultat ta' pressjoni minn, jew inċentivi offruti minn, kull parti".

70 Minn dan jirriżulta li għandu jiġi eżaminat jekk l-iffissar tal-prezz tal-bejgħ massimu jibqax, fil-fatt, prezz tal-bejgħ fiss jew minimu, u dan għandu jsir fid-dawl tal-obbligi kuntrattwali kollha kif ukoll fid-dawl tal-aġir tal-partijiet fil-kawża prinċipali.

71 Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja mhijiex f'pożizzjoni li tevalwa d-diskrezzjoni li kellha Tobar sabiex tiddetermina l-prezz tal-bejgħ tal-prodotti petroliferi lill-pubbliku, wara l-awtorizzazzjoni mogħtija lil din il-kumpannija bl-ittra ta' CEPSA tat-2 ta' Novembru 2001, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk din l-awtorizzazzjoni tikkorrispondix għal possibbiltà reali għall-bejjiegħ mill-ġdid li jnaqqas dan il-prezz tal-bejgħ, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-effett konkret tal-klawżoli kollha tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali fil-kuntest ekonomiku u ġuridiku tagħhom. B'mod partikolari, għandu jiġi eżaminat jekk tali prezz tal-bejgħ lill-pubbliku huwiex, fil-fatt, iffissat b'mezzi indiretti jew moħbija, bħall-iffissar tal-marġni ta' qligħ tal-operatur tal-istazzjon tal-petrol, theddid, intimidazzjoni, twissijiet, sanzjonijiet jew inċentivi.

72 Fil-każ li l-qorti tar-rinviju tikkonkludi li Tobar kienet marbuta, fil-fatt, li tosserva l-prezz tal-bejjiegħ fiss jew minimu impost minn CEPSA, l-imsemmi kuntratt ma jistax jibbenefika mill-eżenzjoni skont il-kategorija stabbilita mir-Regolament Nru 2790/1999. Madankollu, meta ftehim ma jissodisfax il-kundizzjonijiet kollha previsti minn regolament ta' eżenzjoni, huwa jaqa' fl-ambitu tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 81(1) KE biss jekk ikollu bħala għan jew effett li jirrestriġi b'mod kunsiderevoli l-kompetizzjoni fi ħdan is-suq komuni u jekk huwa tali li jolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Carbour, iċċitata iktar 'il fuq, punt

48). F'dan il-każ tal-aħħar, u fin-nuqqas ta' eżenzjoni individwali taħt l-Artikolu 81(3) KE, il-ftehim fuq il-prezz ikun null *ipso jure* skont l-Artikolu 81(2) KE.

73 Bil-kontra, jekk it-tibdil unilaterali tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali jkollu bħala konsegwenza li l-klawżola rigward il-prezz tal-bejgħ tal-prodotti petroliferi lill-pubbliku ssir konformi mar-regoli dwar il-kompetizzjoni, dan il-kuntratt jibbenefika għalhekk mill-eżenzjoni skont il-kategorija, bil-kundizzjoni li jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha previsti mir-Regolament Nru 2790/1999. Madankollu, kif sostna ġustament l-Avukat Ġenerali fil-punt 94 tal-konklużjonijiet tiegħu, tali tibdil ma jistax iwassal għall-invalidità retroattiva tal-imsemmi kuntratt fir-rigward tal-eżenzjoni skont il-kategorija prevista mir-Regolament Nru 1984/83.

74 Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, ladarba l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81(1) KE jiġu sodisfatti u ladarba l-ftehim ikkonċernat ma jistax jiġġustifika l-għoti ta' eżenzjoni taħt l-Artikolu 81(3) KE, in-nullità msemmija fl-Artikolu 81(2) KE ma tistax tiġi invokata minn kulħadd. Peress li l-imsemmija nullità hija ta' natura assoluta, hija tista' taffettwa l-effetti kollha, fil-passat u fil-ġejjieni, tal-ftehim ikkonċernat (sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Manfredi *et*, C-295/04 sa C-298/04, Ġabra p. I-6619, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

75 Il-kwistjoni dwar jekk in-nullità tal-klawżola rigward l-iffissar tal-prezz tal-bejgħ tal-prodotti petroliferi lill-pubbliku għandhiex bħala konsegwenza li l-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali jsir null *ipso jure* fl-intier tiegħu hija s-suġġett tad-domanda 1(d) li tingħata risposta fil-punti 78 sa 80 ta' din is-sentenza. Madankollu, fil-każ li l-qorti tar-rinviju tikkonstata n-nullità *ipso jur*e tal-intier tal-imsemmi kuntratt, il-kwistjoni dwar jekk dan jistax isir validu wara t-tibdil tal-klawżola rigward il-prezz tal-bejgħ taqa', kif issostni ġustament il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, taħt id-dritt nazzjonali dwar il-kuntratti.

76 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li r-risposta għad-domanda 2(ċ) għandha tkun li l-Artikoli 10 sa 13 tar-Regolament Nru 1984/83 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jeskludu l-applikazzjoni tal-eżenzjoni skont il-kategorija għal kuntratt ta' provvista esklużiva li jipprovdi għall-iffissar tal-prezz tal-bejgħ lill-pubbliku mil-fornitur.

Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, taħt id-dritt nazzjonali, il-klawżola kuntrattwali rigward dan il-prezz tal-bejgħ tistax tiġi mibdula permezz ta' awtorizzazzjoni unilaterali tal-fornitur, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u jekk kuntratt null *ipso jure* jistax isir validu wara tibdil ta' din il-klawżola kuntrattwali li għandha bħala effett li trendi l-imsemmija klawżola konformi mal-Artikolu 81(1) KE.

Fuq il-konsegwenzi ta' eventwali nullità tal-ftehim b'applikazzjoni tal-Artikolu 81(2) KE

77 Permezz tad-domanda 1(d) tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk in-nullità *ipso jure* prevista fl-Artikolu 81(2) KE taffettwax l-intier tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali jew biss il-klawżoli li huma inkompatibbli mal-Artikolu 81(1) KE.

78 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, skont il-ġurisdprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, in-nullità *ipso jure* ta' ftehim fis-sens tal-Artikolu 81(2) KE tapplika biss għall-elementi tal-ftehim li huma milquta mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 81(1) KE jew għall-ftehim kollu jekk dawn l-elementi ma jidhrux li jistgħu jiġu mifrudin mill-ftehim innifsu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-30 ta' Ġunju 1966, LTM, 56/65, Ġabra p. 337, 360, u Delimitis, iċċitata iktar 'il fuq, punt 40).

79 Jekk dawn l-elementi jistgħu jiġu mifrudin mill-ftehim, il-konsegwenzi tan-nullità għall-elementi l-oħrajn kollha tal-ftehim jew għal obbligi oħrajn li jirriżultaw minnu ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju. Għaldaqstant hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, skont id-dritt nazzjonali applikabbli, il-portata u l-konsegwenzi, għar-relazzjonijiet kuntrattwali kollha, ta' eventwali nullità ta' ċerti klawżoli kuntrattwali taħt l-Artikolu 81(2) KE (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-18 ta' Diċembru 1986, VAG France, 10/86, Ġabra p. 4071, punti 14 u 15; Cabour, iċċitata iktar 'il fuq, punt 51, kif ukoll tat-30 ta' Novembru 2006, Brünsteiner u Autohaus Hilgert, C-376/05 u C-377/05, Ġabra p. I-11383, punt 48).

80 Għaldaqstant, ir-risposta għad-domanda 1(d) għandha tkun li n-nullità *ipso jure* prevista fl-Artikolu 81(2) KE taffettwa l-intier tal-kuntratt biss fil-każ li l-klawżoli li huma inkompatibbli mal-Artikolu 81(1) KE ma jistgħux jiġu mifrudin mill-kuntratt innifsu. Fil-każ kuntrarju, il-konsegwenzi tan-nullità fir-rigward tal-elementi l-oħrajn kollha tal-kuntratt ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju.

Fuq l-ispejjeż

81 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Kuntratt ta' provvista esklużiva ta' karburanti u ta' kombustibbli kif ukoll ta' lubrifikanti u ta' prodotti konnessi magħhom jista' jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81(1) KE meta l-operatur tal-istazzjon tal-petrol jassumi, fi proporzjon mhux negliġibbli, riskju jew riskji finanzjarji u kummerċjali marbutin mal-bejgħ ta' dawn il-prodotti lil terzi u meta huwa jinkludi klawżoli li jistgħu jiksru r-regoli tal-kompetizzjoni, bħalma hija dik rigward l-iffissar tal-prezz tal-bejgħ lill-pubbliku. Fil-każ li l-operatur tal-istazzjon tal-petrol ma jassumix tali riskji jew jassumi biss parti negliġibbli minnhom, jaqgħu biss taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmiija dispożizzjoni l-obbligi imposti fuq l-operatur fil-kuntest tas-servizzi ta' intermedjarju offruti minnu lill-prinċipal, bħalma huma l-klawżoli ta' esklużività u ta' non-kompetizzjoni. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, barra minn hekk, jekk il-kuntratt konkluż fis-7 ta' Frar 1996 bejn CEPSA Estaciones de Servicio SA u LV Tobar e Hijos SL għandux bħala effett il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fissens tal-Artikolu 81 KE.

2) Kuntratt ta' provvista esklużiva, bħal dak imsemmi fil-punt preċedenti ta' dan id-dispożittiv, jista' jibbenefika minn eżenzjoni skont il-kategorija prevista mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1984/83, tat-22 ta' Ġunju 1983, dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu [81](3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim ta' xiri esklużiv, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1582/97, tat-30 ta' Lulju 1997, jekk huwa josserva t-tul massimu ta' għaxar snin, imsemmi fl-Artikolu 12(1)(ċ) tal-istess regolament u jekk il-fornitur jagħti lill-operatur tal-istazzjon tal-petrol, bħala korrispettiv għall-esklużività, vantaġġi ekonomiċi importanti li jikkontribwixxu għal titjib fid-distribuzzjoni, jiffaċilitaw l-istallazzjoni jew l-immodernizzar tal-istazzjon tal-petrol u jnaqqsu l-ispejjeż ta' distribuzzjoni. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex sodisfatti fil-kawża prinċipali.

3) L-Artikoli 10 sa 13 tar-Regolament Nru 1984/83, kif emendat bir-Regolament Nru 1582/97, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jeskludu l-applikazzjoni tal-eżenzjoni skont il-kategorija għal kuntratt ta' provvista esklużiva li jipprovdi għall-iffissar tal-prezz tal-bejgħ lill-pubbliku mil-fornitur. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, taħt id-dritt nazzjonali, il-klawżola kuntrattwali rigward dan il-prezz tal-bejgħ tistax tiġi mibdula permezz ta' awtorizzazzjoni unilaterali tal-fornitur, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u jekk kuntratt null *ipso jure* jistax isir validu wara tibdil ta' din il-klawżola kuntrattwali li għandha bħala effett li trendi l-imsemmija klawżola konformi mal-Artikolu 81(1) KE.

4) In-nullità *ipso jure* prevista fl-Artikolu 81(2) KE taffettwa l-intier tal-kuntratt biss fil-każ li l-klawżoli li huma inkompatibbli mal-Artikolu 81(1) KE ma jistgħux jiġu mifrudin mill-kuntratt innifsu. Fil-każ kuntrarju, il-konsegwenzi tan-nullità fir-rigward tal-elementi l-oħrajn kollha tal-kuntratt ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju.

Firem